# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## GĦAXAR LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 03

28 ta' Awwissu, 2024

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-11.26am

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Philip Cassar – Viċi Sindku
Francis Galea – Kunsilliera
Maria Cassar Sultana – Kunsilliera
Franco Bajada - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI [Skont Ordni Permanenti 14A(3)]:

Ħadd

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marie Josette Vella Magro – Segretarja Eżekuttiva

# Aġenda Nru. 03

1.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
1.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 02
1.3 Komunikazzjoni mis-Sindku
1.4 Komunikazzjoni oħra
1.5 Ilmenti u suġġerimenti
1.6 Approvazzjoni tal-pagamenti
1.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss

## Minuti

Is-Sindku ppresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 1.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

1.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 1.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 02

1.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għall-minuti tal-laqgħa preċedenti Nru.02 li dawn kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Dawn il-minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill preżenti, dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarja Eżekuttiva.

## 1.3 **Komunikazzjoni mis-Sindku**

1.3.1 Is-sindku beda l-kommunikazzjoni tiegħu fejn qal li bħalissa għaddejjin proġetti infrastrutturali fuq Triq Xamgħan, Triq Paranji, Triq Skerla (kantuniera ma' Palozzo Palina) u l-Kalkara tal-Ġir.

1.3.2 Fi Triq Xamgħan bħalissa għaddejin ix-xogħlijiet fuq it-tieni main ta' l-ilma, li kif jitlesta jibdew ix-xogħlijiet fuq id-dranaġġ. Il-kuntrattur bi żball laqghat xi tappings tal- ilma u sa kemm irranġawhom kien hemm l-ilma maqtugħ. Xi residenti resqu lment għax kien hemm l-inkonvenjenża, però l-kunsill, f'dawn il-każijiet m'għandu l-ebda kontroll fuq dawn l-inċidenti. Is-segretarja eżekuttiva qalet li apparentement -minn telefonati li rceviet jistaqsu rigward il-qtugh tal-ilma- hemm xi residenzi li ma kellhomx tankijiet ta' l-ilma fuq il-bejt, li huma bil-liġi li jrid ikollhom. Minn dakinhar ma kien hemm l-ebda lment ieħor fuq din il-kwistjoni. Il-kunsillier Bajada rċieva lment li kien hemm xi ilma ħiereġ. Is-sindku qal, li meta jkun qed isir main ġdid ta' l-ilma, isir pipe proviżorju, u probabilmet intlaqat minn xi vettura u spara il-barra. Se jkun hemm sistema ġdida tad-dranaġġ li ħa tibda mit-tarf tat-triq jiġifieri fejn il-mużew tad-duttrina sa Triq Dun Lazzru Camilleri, biex imbagħad tikser u jingħaqad mas-sistema tat-Triq 28 t' April.Il-viċi sindku staqsa fuq dik it-triq il-ġdida li nfetħet faċċata tal-mużew hux ser isiru is-servizzi ta' l-ilma u dranaġġ, però din ma kienitx imdaħħla fit-tender peress li kienet ghadha mhux iffurmati meta hareg it-tender. Is-segretarja eżekuttiva ġibdet l-attenzjoni fuq it-triq l-ġdida li hemm fil-limiti ta' Xamgħan, li s'issa qisha tidher bħala triq privata ghax fuq is-site plans mhux qed tidher. Kull permess li joħroġ qed ikun maħruġ fuq Triq Xamgħan, peress li din it-triq gdida għadha mhiex imniżżla fil-pjanti.

Hija rrimarkat li qed ikun hemm problema marbuta maż-żibel, minħabba li ħafna residenti ġodda ta' dawn l-appartamenti mhumiex jimxu ma' l-iskeda tal-ġbir taż-żibel. Il-kuntratturi li bnew l-appartamenti ġew mitluba biex jiġbdu l-attenzjoni lil dawn ir-residenti biex tissolva din il-problema. Il-kunsill kellem ukoll lill-awtorità tad-djar peress li hemm blokka appartamenti mikriha lilhom, biex tintbagħat ittra lir-residenti biex iżommu ma' l-iskeda tal-ġbir ta' skart. Għaldaqstant ukoll se titwaħħal tabella bl-iskeda tal-ġbir ta' skart u oħra biex ma jintremiex żibel f'dak il-post. Hemm avzati wkoll l-ERA biex jiċċekjaw din l-parti tar-raħal kull ġimgħa, fejn min jinqabad jarmi jew joħroġ iż-żibel illegalment jiġi mmultat, kif ukoll se jiġu nstallati CCTV *cameras* xħin jiġu aġġudikat it-*tender* tal-kameras tas-CCTV. Is-sindku ġibed l-attenzjoni lill-inġinier tal-korporazzjoni ta' l-ilma fuq id-dranaġġ ta' Triq Xamgħan li se jispiċċa kollu fi Triq 28 t' April. L-inġinier minn naħa tiegħu kkonferma li s-sistema tiflaħ. Is-sindku qal, li se jitlob din il-konferma bil-miktub minn naħa ta' l-inġinier, biex il-kunsill ikollu referenza għaliha.

1.3.3

Is-sindku semma li peress li fir-raħal ta' Sannat issa hawn sitt toroq ġodda , il-kunsill irid jibda l-proċess biex jissemmew dawn it-toroq. Kif semma f'xi laqgħat preċedenti fil-leġislatura l-oħra, kien hemm suġġerimenti biex jissemmew toroq għal-nies li b'xi mod ikkontribwixxew b'xi mod jew ieħor lir-raħal ta' Sannat. L-isem li jintgħażel jekk ikun marbut ma' persuna li diġa hija mejta, l-isem irid ikun bil-Malti u jrid ikun hemm ftit tagħrif fuqu. Jekk it-triq ma tkunx reġistrata f'isem il-gvern, il-kumitat ta' l-ismijiet tat-toroq mhux se jaċċetta t-talba tal-kunsill. Il-viċi sindku ssuġerixxa li wieħed mill-ismijiet tat-toroq, tiġi msemmija għal-ewwel sindku ta' Sannat il-mibki Francis Cassar.

1.3.4

Is-superjur tas-soċjetà tal-Museum kellu laqgħa mas-sindku Vella, fejn dan ta' l-aħħar issuġġerixxa li għal din is-sena ma jsirx fl-akkwati tal-binja tal-mużew tad-duttrina, peress li għaddejjin ix-xogħlijiet u hemm ħafna trabijiet. Ghaldaqstant, is-superjur qal li ħa jara l-possibilta li s-sajda Mużewmina ta' din is-sena tinżamm fil-knisja parrokkjali. Is-superjur wera x-xewqa li jkollu reserved parking ħabba l-van tal-mużew fil-ħinijiet tad-duttrina. Rigward it-triq, preżentement m'hemmx dati stipulati sa meta din it-triq se tkun lesta, peress li baqa' x-xogħlijiet speċjalment marbuta mad-dranaġġ.

1.3.5

Fuq Triq Paranji, is-sindku kellu laqgħa mal-perit u l-kuntrattur, fejn hawnhekk il-perit ikkonferma li hemm problema kbira fuq il-livelli. Il-kuntrattur ħareġ il-livelli, però hemm differenza kbira fil-livelli tal-bini. Il-perit iddeċieda li se jġib il-livelli mill-awtorità ta' l-ippjanar u jimxi magħhom. B'hekk ħadd ma jista jfittex il-kunsill fil-futur minħabba xi problemi li jistgħu jinqalgħu l-quddiem u għalhekk ix-xogħol se jitkompla kif jinġabu l-livelli mill-awtorità ta' l-ippjanar. Is-sindku ssuġerixxa li tintbagħat nota lir-residenti biex jiġu mgħarfa fuq ix-xogħlijiet li se jkun hemm fuq it-triq, bil-kunsilieri kollha qablu li għandu jsir. Is-segretarja eżekuttiva qalet li l-ewwel għandha toħroġ post fuq il-paġna ta' facebook tal-kunsill, u mbagħad tintbagħat din in-notifika fid-djar tar-residenti ta' din it-triq. Is-sindku qal li fl-ittra li trid tintbagħat irid ikun spjegat il-problema li ġiet imsemmija rigward il-livelli, u li x-xogħlijiet se jitkomplew x'ħin ikollhom il-livelli maħruġa mill-awtorità ta' l-ippjanar. Is-segretarja eżekuttiva se tikteb lil perit biex ikollha kopja ta' kollox ghal gol files. Fl-aħħar mill-aħħar, kull perit tal-blokka huwa responsabbli tal-livelli.

1.3.6

Rigward Triq Palozzo Palina, bħalissa għaddejin ix-xogħlijiet minn naħa tal-water works, bil-viċi sindku jistaqsi taħt min jaqgħu dawn ix-xogħlijiet li qed isiru, bir-risposta tkun li dawn qed isiru mill-korporazzjoni ta' l-ilma. Is-sindku ikkonferma li kellu laqgħat ma' din il-korporazzjoni ta' l-ilma fil-leġislatura l-oħra, fejn kellu kkonferma li ser isir wiċċ ġdid tat-tarmac. Baqa' wkoll xi xogħlijiet marbuta ma tgħaqqid ta' *mains* ma' xulxin, fejn il-korporazzjoni Enemalta iddeċiedet li jgħaddu l-*cables* issa u għalhekk ix-xogħol qed jieħu ftit fit-tul, liema *cables* se jibqgħu għaddejjin minn fejn il-lukanda sa fejn il-ġibjun.

1.3.7

Xogħlijiet fuq il-Kalkara tal-Ġir is-sindku fakkar li dan il-proġett qed isir permezz ta' fondi maħruġa mill-LESA, liema fondi ġew akkwistati mill-kunsill fi żmien il-Covid. Il-kalkara tal-Ġir qed tkun restawrata u qabel ma' dan il-proġett ikun lest, il-kunsill ma jistax japplika għal fondi oħra maħruġa mill-LESA u għalhekk huwa mportanti li dan il-proġett jitlesta kemm jista' jkun malajr. SCH, li qed issegwi l-progett, ukoll qed tesiġi li dan il-proġett jitlesta kemm jista jkun malajr, biex ma jsirx aktar ħsara ħabba li hemm ħafna ġebel spiċċut minħabba l-melħ. Is-sindku kellem lill-kuntrattur biex kemm jista' jkun biex ix-xogħlijiet jimxu aktar b'ritmu mgħaġġel u jitlesta mill-aktar fis possibli. Il-kunsilliera Cassar staqsiet jekk dan il-kuntrattur in kwistjoni hux mgħobbi bix-xogħol u mhux ilaħħaq u hemm xi possibiltà jekk hu minnu jistax jinbidel il-kuntrattur. Is-sindku qal li li l-kuntrattur li ħa t-*tender* ma jistax jinbidel. Ovvjament, ix-xogħlijiet jimxu kemm il-kuntrattur ikollu ħaddiema jew ikollu postijiet oħra fejn ikun qed jaħdem. Jiddependi wkoll mis-*site visits* tal-uffiċċjali tal-SCH meta jkun se jibda x-xogħlijiet. Fil-verità anki jekk ikun stipulat fil-kuntratt meta jrid jitlesta l-proġett, ma tista tagħmel xejn jekk ix-xogħol ikun miżmum mill-SCH u anki meta tgħid li toħroġ penali, mhux dejjem jista jsir daqshekk faċli, peress li mhux dejjem ikun tort tal-kuntrattur.

1.3.8

Rigward ġemelaġġ, is-sindku qal li reġa' kien hemm kuntatt mas-sindku l-ġdid ta' Pisoniano, fejn urew ix-xewqa li jkompli l-ġemelaġġ wara assenza mill-2009, fejn ġara li s-sindku preċedenti ta' Pisoniano ma xtaqx ikompli l-proġett, peress li r-raħal ta' Sannat huwa zgħir. Issa li hemm sindku ġdid, minn naħa tiegħu wera x-xewqa li jerġa jsir xoghol fuq dan il-ġemelaġġ, bil-kunsill ta' Sannat jilqa din l-aħbar b'entużjażmu. Is-sena d-dieħla se taħbat l-għoxrin sena ta' l-anniversarju minn dan il-ġemelaġġ u għalhekk il-kunsill qed jaħseb biex japplika għall-fondi mill-Ewropa biex jaraw x'ċelebrazzjonijiet jistgħu isiru. Il-quddiem jistgħu jingħataw aktar informazzjoni wara li jkollna risposta rigward il-fondi.

1.3.9

Is-segretarja eżekuttiva tkellmet fuq il-ġita li se jagħmlu f'Montefiascone. Se jitilqu fl-14 ta' Settembru u se jkun alloġjati f'Hotel Altavilla, Via Dante Alighieri. Transport se jkun provdut minn Sannat għall-ajruport u x'ħin jiġu lura mill-ajruport sa Ta' Sannat, kif hemm inkluż it-transport li se jużaw l-Italja. Din id-darba għal kontra li ġara f'April, it-trasport fl-Italja, ser jiġi mħallas mill-kunsill, u jrid jitħallas 30% mal-konferma u l-kumplament ġimgħa qabel jitilqu. Is-segretarja eżekuttiva ġabet tlett kwotazzjonijiet u l-kunsill mar għall-orħos waħda madwar erbgħa t'elef. Hemmhekk, f' Montefiascone, iridu jħallsu €1.50 kull lejl bħala taxxa. Id-darba l-oħra meta kienu hemm f'April, dawn ingħataw ezenzjoni minn naħa tal-kunsill ta' Montefiascone, imma s'issa m'hemm l-ebda konferma li ser jiġri l-istess. Matul din il-mawra ser iżuru ħafna postijiet ta' interess u jekk jidħlu f'xi postijiet li jridu jħallsu, min ikun interessat li jidħol, kulħadd iħallas tiegħu. Kuljum hemm ibbukjat post wieħed fejn jieklu, kemm f'nofsinhar jew filgħaxija, u kulħadd hu liberu li jiekol minn hemm jew le.

1.3.10 Intalbet polza ta' assigurazzjoni li kull persuna li ġej din il-mawra, bil-assigurazzjoni tal-kunsilliera u s-segretarja eżekuttiva tħallset mill-kunsill.

1.3.11 L-avveniment tal-beer Festival li kellu jsir fl-24 ta' Awwissu, ġie pospost għas-Sibt 21 ta' Settembru, peress li f'dik il-ġurnata oriġinali kien hemm il-Wine Festival tan-Nadur, kif ukoll xi attività oħra fir-raħal ta' Santa Luċija. Fuq il-kalendarju ta' l-attivitajiet tal-Ministeru ma kien hemm xejn f'din id-data, però il-*wine festival* hija attività mill-privat u ta' Santa Luċija saret mill-fondi Ewropej. Bħala entertainment, ħa jkun hemm mistiedna 3 bands li huma The Strands, Xaruloo u DCapitals, fejn il-kunsill qed jistenna l-*quotations* tagħhom. Is-segretarja eżekuttiva saħqet li huma mportanti biex jinżamm l-ammont marbut ma' l-*entertainment* u ma jinqabizx l-ammont. Fuq il-birra, is-sena l-oħra kien hemm madwar 20 tip ta' birra differenti, u din is-sena se jiżdied Lord Chambrey - *crafts beer* u anki xi birra oħra mingħand tal-Coka. Is-sindku għamel arranġamenti biex dik il-birra li ma tkunx kiesħa terġa tingħata lura. Importanti wkoll li fuq il-*quotes* tas-sound ikun imdaħħal is-sound inġinier ukoll li jkun preżenti. Il-post fejn ser tittella dan l-avveniment fl-inħawi ta' Cocco Palmieri bħal ma sar fi snin ta' qabel. Il-kumitat ser jiddeċiedi x'tip ta' ikel ser ikun hemm għall-bejgħ. Il-*cash registers* ser ikunu applikati fuq ta' l-armar, billi d-darba l-oħra kienu fuq tan-nar.

1.3.12 Mistoqsijiet mill-kunsillieri

1.3.13 Il-viċi sindku staqsa lis-sindku jekk hux se titqaxxar u tingħata t-tarmac dik ir-roqqa li hemm fi triq ta' Ċenċ. Is-sindku jwieġeb li l-kuntrattur qallu li x'ħin ikun qed jagħmel it-tarmac x'imkien ieħor, jagħti din il-bicca wkoll, għax ma jkunx vijabbli għalih li jqabbad il-magna għal dik il-biċċa zgħira. Is-segretarja qalet li fil-laqgħa preċedenti kien intqal li x'ħin ikun iċċekjat id-dranagg kollu isir dan ix-xoghol, fejn is-sindku qal li l-kuntrattur qed jgħid li ċċekjawh. Is-segretarja eżekuttiva se tivverifka minn naħa tagħha.

Resident li joqgħod fi Triq Ta' Ċenċ talab li jsir mera faċċata tal-garaxx tiegħu qed issibha diffiċli biex joħroġ bil-vettura tiegħu. Is-segretarja eżekuttiva talbet biex jittieħed ritratt fejn jixtieq li titwaħħal il-mera.

## 1.4 Komunikazzjoni

1.4.1 Is-segretarja eżekuttiva qassmet il-*Quarterly Report* li għamlet l-*accountant* tal-kunsill. F'dan ir-rapport ikun hemm id-dħul, ħruġ, *surplus* jew *deficit* ta' dawn l-aħħar tlett xhur. Il-kunsilliera qablu u ġie approvat.

1.4.2 Iċ-ċirkularijiet ġew mgħoddija lill-kunsillieri permezz ta' imejl. Il-kunsilliera Cassar qalet li xtaqet li tattendi xi kors partikulari ta' ġurnata. Is-segretarja eżekuttiva qaltilha li jekk tixtieq tattendi xi kors partikulari, trid tapplika personalment. Ma kienx hemm aktar mistoqsijiet fuq iċ-ċirkularijiet.

1.4.3 Is-segretarja eżekuttiva tkellmet fuq il-pagamenti relatati mal-rinovar u riġenerazzjoni ta' pjazza Santa Margerita. Qed jissemma s-servizz ta' botanista li kien qed jagħti pariri fuq is-

siġar, li mir-riċerka li għamlet is-segretarja eżekuttiva rigward il-pagament relatat ma' dan is-servizz, dan irriżulta li ma kien hemm l-ebda dokumentazzjoni relatata specifika ghal pagamenti jew ingagg u anki fil-minuti ta' laqgħat preċedenti, ħlief ta' *invoice* waħda li kien hemm l-approvazzjoni biex din titħallas. Dan jindika li din il-persuna msemmija baqa' jagħti pariri relatati mas-siġar bla ebda approvazzjoni u dokumentazzjoni rikjesta. L-inġinier Cordina, il-*project manager* tal-proġett, ivverifika l-approvazzjoni ta' pagament mitlub permezz ta' *invoice* ta' kemm il-darba kienu qed jirreferu miegħu, bis-segretarja eżekuttiva titlob biex din tintbagħat kemm jista' jkun malajr. Is-segretarja eżekuttiva għamlitha ċara li l-botanista ma setax jitqabbad mingħajr l-approvazzjoni tal-kunsill u għalhekk jekk il-kunsill jirċievi xi *invoice* ta' pagament mitlub mil-lum il-quddiem , din mhix se titħallas. Is-segretarja eżekuttiva ikkonfermat li hi m'għandhiex l-ebda dokumentazzjoni li dan ġie mqabbad mill-kunsill b'tender speċifiku jew *direct order*, apparti dik l-ewwel *invoice* li ntbagħtet. Is-segretarja eżekuttiva qalet li dan il-botanista kien intalab biex jagħti parir fuq is-siġar li kien hemm qabel fil-pjazza, biex jiġi rilokati f'post ieħor, kif ukoll pariri fuq is-siġar ġodda li tħawwlu fil-pjazza. Dan kien tħallas skond l-*invoice* li bagħat. Però minn dakinhar baqa' jiġi nvolut anki fit-tisqija tas-siġar, però m'hemm l-ebda tender u għalhekk is-segretarja eżekuttiva ma tafx fuq liema bażi għandu jitħallas.

1.4.4

Is-sindku qal li ltaqa' mal-kuntrattur li ħawwel is-siġar fuq il-post, u ġie kkonfermat li hemm erbgħa siġar li jridu jinqalgħu minn posthom biex ikunu konformi kif hemm speċifikat fit-*tender*. Is-segretarja eżekuttiva ikkonfermat li kien hemm laqgħa fejn kienu preżenti s-sindku, *project manager* u l-kuntrattur tas-siġar, u s-sindku qal li Xerri ma kellux l-ebda oġġezzjoni jew għandu xi jgħid lil-*project manager* għall-kuntrarju li qal l-aħħar darba li ġie u tkellem quddiem il-kunsilliera. Is-segretarja eżekuttiva qalet li l-ftehim kien li jiltaqgħu fuq il-post, jindikaw liema siġar iridu jinbidlu u f'Ottubru jitħawwlu s-siġar mitluba li jkunu ta' l-istess daqs tas-siġar li hemm illum. Is-sindku talab lis-segretarja eżekuttiva biex titlob il-*project manager* biex jibagħtilha r-ritratti meħuda. Is-segretarja eżekuttiva fakkret, li kien hemm ftehim li jitħawwlu s-siġar f'Ottubru. Is-sindku qal li fil-ftehim li sar hemm qbil li żewġ siġar li hemm mill-erbgħa u għoxrin li kien hemm fit-tender se jitħawwlu fejn l-isem Ta' Sannat u tnejn oħra se jitħawwlu fid-daħla taċ-Ċnus.

1.4.5

Is-segretarja eżekuttiva qalet li sabet xi *tenders* jew *direct orders* li huma skaduti, hemm *tenders* li kienu qed jiġu mġedda mhux *a regola*, fosthom it-tindif tal-*playing field* u t-*tender* tas-servizz l- *accountant*. Fuq ta' l-*accountant* kien hemm ftehim fil-leġislatura l-oħra li dan jiġġedded sa l-aħħar tas-sena, sar *agreement* fuq l-istess bażi u eventwalment terġa toħroġ it-*tender* f'Settembru marbut mas-servizzi ta' *accountant*. Is-segretarja eżekuttiva staqsiet rigward it-tender tal-playing field, fejn is-sindku qal li għandha tinħareġ direct order permezz ta' kwotazzjoni mitluba lill-għaqda ta' l-armar, kif dejjem saħaq flimkien mal-kunsilliera li l-għaqdiet tar-raħal jibbenifikaw minn dawn l-opportunitajiet ta'fondi u hekk il-flus jistew jibqgħu fir-raħal. L-għaqda ta' l-armar għandha tliet ġardinari kkwalifikati li jistew jagħmlu x-xogħol. Is-segretarja eżekuttiva saħqet li l-kunsill iġib tliet kwotazzjonijiet u jintgħażel skond il-procurement procedures jintgħażel l-irħas wahda u din trid isir kemm jista' jkun malajr. Kif diġa' msemmi fil-laqgħat preċedenti, se jibda l-proġett marbut mal-playing field u l-kunsill qed jistenna l-kuntrattur biex jibda x-xogħlijiet relatati, wara li diġa saru xi żewġ laqgħat mal-kuntrattur.

1.4.6

Il-viċi sindku qal li huma mportanti li jsiru d-dwal tal-qasam Ta' Sannat. Il-parti t'isfel kif ikkonfermat is-segretarja eżekuttiva, din it-triq taqa' fil-konfini tal-kunsill tax-Xewkija.

Kienet intalbet laqgħa fil-leġislazzjoni preċedenti fejn il-kunsill tax-Xewkija kienu kkonfermaw li se jqajjmu din il-kwistjoni fil-laqgħa tal-kunsill, u anki issa fil-leġislatura l-ġdida ġiet mitluba laqgħa mas-sindku tax-Xewkija fuq din il-kwistjoni msemmija. Is-Sindku ikkonferma, li rigward it-triq tal-qasam, il-ministeru għal Għawdex diġa' ta' l-approvazzjoni tiegħu biex isir it-tieni parti ta' triq b'asfaltar u servizzi ġodda u l-kuntrattur se jibda x-xogħlijiet mill-aktar fis. Il-viċi sindku u l-kunsilliera Galea qalu, li Triq il-Qasam jużawha prattikament kull resident t' Sannat, u bix-xieraq li din it-triq taqa' fil-konfini tal-kunsill ta' Sannat. Is-sindku qal li xi żmien ilu kien għamel tenttattiv mas-sindku preċedenti tax-Xewkija, li qablet li l-kunsill tax-xewkija jgħaddi l-qasam ta' Sannat bl-għelieqi kollha sal-kajselli bil-patt u l-kundizzjoni li l-kunsill ta' Sannat iċedi l-bajja ta' Mġarr ix-Xini. Liema proposta kif mistenni ma ġietx aċċettata. Il-kunsillier Bajada staqsa fuq dik it-triq ta' ħdejn iċ-ċimiterju Ta' Sannat taqax taħt il-kunsill tax-Xewkija, bis-sindku jikkonferma u anki qal li din it-tkomplija tat-triq ser isir minn naħa tal-Ministeru għal Għawdex. Il-kunsilliera Cassar qalet li xi żmien ilu l-kunsill kellu laqgħa fejn ġie spjegat kif il-widien jiddistingwu l-irħula.

1.4.7

Is-segretarja eżekuttiva qalet, li x'ħin il-kunsill qed jirċievi lmenti rigward karrijiet tad-dgħajjes, vetturi abbandunati, etċ., l-proċedura qed tkun li titwaħħal sticker safra minn naħa tal-pulizija, jiġi nfurmat is-sid partikulari u jingħata żmien definit biex ineħħi dan l-inkonvenjent. Jekk dan ma jitneħħiex, ma jkunx hemm triq oħra li jiġu rmunkati spejjeż tal-kunsill u jiġu *scrapped*. Jekk f'dan il-perjodu, is-sid ikun irid jieħu l-vettura jew karru bl-opri tal-baħar, irid iħallas l-ispejjeż kollha u jiġborha minn fejn tkun f'dak iż-żmien, jekk ikun il-kaz. Is-segretarja eżekuttiva kkonfermat li diġa kien hemm proċeduri biex titneħħa karozza fi Triq Dun Lazzru Camilleri, liema sid gie avviċinat u wara ħafna battibekki neħħa din il-vettura. Hemm ukoll xi dgħajjes li waħlulhom din l-*isticker* is-safra, u fil-fatt s-sindku semma li l-*community policeman* diġa' kellem lil xi erbgħa sidien tad-dgħajjes li neħħew dawn l-opri tal-baħar mit-toroq. Is-segretarja eżekuttiva ħeġġet lill-kunsillieri biex jekk jaraw xi vetturi abandunati, jew xi karrijiet tad-dgħajjes, jew opri tal-baħar fit-toroq, jirrapurtaw mill-ewwel lill-kunsill biex ikun jista jittieħdu l-passi neċessarji.

1.4.8

Il-kunsill qiegħed fil-proċess li jitħallsu l-kontijiet relatati mat-tiġrijiet taż-żwiemel li saret fil-festa ta' Santa Margerita, biex dawn jiġu claimed minn naħa tal-Ministeru għal Għawdex. Is-segretarja eżekuttiva qalet li qiegħda tistenna mingħand il-persuna nkarigata li kienet qed tieħu ħsieb l-organizzazzjoni ta' dawn it-tigrijiet, biex ikun jista' jgħaddilha d-dokumentazzjoni ma' l-ispejjeż u d-dħul marbuta ma din it-tiġrija. Is-segretarja eżekuttiva qalet li f'dawn il-każijiet huwa mportanti li hija tirċievi d-dokumentazzjoni mitluba marbuta ma finanzi kollha, għax xħin jitħallas kollox minn naħħa tal-kunsill ikunu jistgħu isiru l-*claims* biex jinġiebu l-fondi maqbula. F'dan ir-rigward, is-segretarja eżekuttiva qalet li mhiex se tħallas l-ebda *invoices* jekk ma jkunx hemm id-dokumentazzjoni u għaddietilha l-informazzjoni minn qabel. Hija regghet fakkret fil procurement regulations, li jekk l-ammont jaqbeż il-500 ewro, hemm bżonn li jinġiebu tliet kwotazzjonijiet, biex il-kunsill jimxi skond il-linji gwida tal-*procurement* stabbiliti.

1.4.9

Il-perit tal-kunsill kien qed isegwi xi appelli marbuta ma' permessi tal-bini għan-nom tal-kunsill bħala persuni interesssti, però s'issa ma kienx hemm kommunikazzjoni minn naħa tal-perit, li jfisser li m'hemmx lok fejn il-kunsill irid jagħmel il-passi tiegħu.

Saret l-i*sports awards* li ġiet mtella fil-pjazza Santa Margerita, u konvinti li se jkun hemm aktar talbiet biex isiru avvenimenti bħal dawn fil-pjazza. Fil-fatt, l-kunsill intalab jekk iridx jorganizza xi *sports events* bejn it-23 ta' Settembu u t-30 ta' Settembru, m'hux minn naħa

tal-ministeru għal Għawdex. Is-segretarja eżekuttiva qalet, li tieħu pjaċir li jsiru iktar attivitajiet, però hemm limitazzjoni ta' kemm il-kunsill jista joħroġ fondi. Barra minn hekk, id-data hija wisq qrib u huwa mpossibli li jiġi organiżżat xi ħaġa fuq din it-talba.

1.4.10

Il-*quarterly report* huwa ftit b'lura peress li l-*accountant* damet ftit ma bagħtitu u il-laqgħa qeda jsir illum u għalhekk it-timeframes ma kienux kompatibbli. Is-segretarja eżekuttiva nfurmat lid-dipartiment tad-DLG li l-kunsill għandu kollox in order u report ser jintbagħat.

1.4.11

Is-segretarja eżekuttiva qalet jekk il-kunsilliera jridux jinnominaw xi belt f'Malta għal-kompetizzjoni 'Eu access city 2024 award'. Il-kunsilliera ddeċidew li ma jinnominaw lil ebda belt.

1.4.12

Il-kunsill kellu laqgħa mad-dipartiment tad-DLG rigward żbilanċ negattiv fil-finanzi f'dawn l-aħħar snin, liema żbilanċ kien imtejjeb fl-aħħar sena u hopefully din is-sena ma jkunx hemm żbilanċ negattiv fil-finanzi tal-kunsill, dejjem jekk ma joħorġux xi kontijiet li l-kunsill ma jkunx jaf bihom. Il-kunsilliera Galea staqsiet fuq dawk il-kontijiet li ntbagħtu fil-leġislatura l-oħra rigward is-servizz tad-dranaġġ ta' Triq Sannat. Is-segretarja qalet, li l-kunsill qiegħed jiccekkja jekk hemmx fondi minn dawk allokati biex ikunu jistghu iħallsu dawn il-kontijiet u fil-fatt fil-jiem li ġejjin, is-sindku ser ikollu laqgħa fuq il-possibiltà ta' xi fondi li jkunu jistgħu jintużaw ghal dan l-iskop. Importanti li jigi specifikat li dan ghandu x jaqsam ma' progett li kien ilu li inghalaq u li d dikumneti kienu juru Final payments anke mil Ministeru minn fejn gew il fondi originali. Id-dipartiment tad-DLG fil-laqgha li saret nforma lill-kunsill li jridu jimxu mal-linji gwida tal-*procurement* u anki ċertu fondi iridu jibqgħu fl-*accounts* tal-kunsill. Is-sindku semma li fil-passat, il-kunsill ġie allokat fondi maħruġa mill-Unjoni Ewropeja, però l-kunsill ma mexiex skond il-kuntratt. Kien hemm każ partikulari fejn il-kunsill ried iħallas 20% *pre-financing* lill-kuntrattur, però dawn ma tħallsux. X'ħin il-kunsill beda jagħmel il-*claims*, ġie infurmat li l-kunsill tilef 20% peress li ma sarx dan il-pagament fil-bidu. Hemm każ ieħor li nzerta huwa l-istess kuntrattur li għamel change in *items*, il-prezz ħallewh l-istess, però fir-realtà il-prezz ġie għola minn kif
1.4.13 kien ipproġettat, u dak ukoll jindika li l-kunsill fil-passat ma mexiex mal-proċeduri li suppost gew segwiti, bil-possibiltà li se jintilfu aktar fondi mill-claims.

Il-problema se tkun li jekk se jitnaqqsu l-fondi marbuta ma' dan il-proġett, il-kunsill se jmur minn taħt ċertu ammont. Is-segretarja eżekuttiva qalet, li hija dejjem kienet konsistenti fil-laqgħat rigward dan il-proġett li l-kunsill se jħallas l-ammont kif kien stipulat fil-BOQs, u jekk se jkun hemm spejjeż addizzjonali, il-kunsill mhux se jħallashom, imma hija responsabiltà ta' dik l-entità partikulari, kif ikkonferma is-sindku stess li gew infurmati imma dawn ma kienux prudenti u avzaw formalment u bl-ezatt x kien hemm bdil. Il-kunsill għandu
1.4.14 xi ftehim mal-korporazzjoni ta' l-ilma biex isiru xogħlijiet fi Triq Paranji, bix-xogħol se jsir minn naħa tal-kunsill għan-nom tal-korporazzjoni, biex imbagħad jitħallas parti minnu mill-*water services*.

Meta sar l-awditjar tas-sena l-oħra fejn tkun involuta wkoll l-*accountant* tal-kunsill, saħansitra marru lura għas-sena 2016, fejn ammont ta' żbalji ġew misjuba u amendi saru f dan ir rigward. Dawn ir-rapporti jmorru għand l-awditur ġenerali, jibagħtu għar-risposta minn naħa tal-kunsill biex finalment ir-risposta tal-kunsill tmur għand l-awdituri, id-direttur

ġenerali tal-kunsilli u anki għand NAO. Ta' min isemmi, li dawn jidhru fil-gazzetti u sfortunatament il-kunsill Ta' Sannat ikun qed jidher bid-*deficit*. Din is-sena xorta x'aktar ser ikun jidher bid-deficit, però l-affarijiet marru għall-aħjar u l-kunsill qed jagħmel minn kollox biex ma jkollux żbilanċ fil-finanzi annwali. Is-sindku semma wkoll li hemm *issue* repetuta li peress li l-kunsill jipprova jinvolvi l-għaqdiet kollha tar-raħal fl-attivitajiet, is-sezzjoni żagħżagħ Pawlisti għadhom mhumiex reġistrati bħala VO (Voluntary organization) u il-pagamenti ghal servizzi ma jkunux jistgħu jgħaddu lil din is-sezzjoni ghal din ir raguni. Is-sindku flimkien mas-segretarja eżekuttiva offrew kemm il-darba l-għajnuna tagħhom biex din l-għaqda tiġi reġistrata, però s'issa ma kienx hemm żviluppi. Riċentement issa kien hemm komunikazzjoni qal is-Sndku li se jkun hemm kumitat ġdid, però il-proċess huwa

1.4.15 wieħed twil. Is-sindku t' din l-informazzjoni lill-kunsilliera, biex huma jkunu nfurmati fl-eventwalità li xi ħadd jistaqsihom fuq din l-issue.

1.4.16 Permezz tar-reġjun t'Għawdex, il-pulizija nfurmaw li fejn jingħataw permess mill-kunsill u jkun hemm xi ħadd li jkun qed jimblokka, mhux jirrapurtaw lill-pulizija imma lit-transport Malta jew lill-LESA. Il-kunsill f'dawn il-każijiet lanqas jidħol fiha.

1.4.17 Is-segretarja eżekuttiva qalet li l-kunsill rċieva lment mingħand persuna li m'hemmx marki ma' l-art fi pjazza Santa Margerita. Is-sindku qal li l-kunsill kien ħareġ l-ordni biex imexxu biex dawn isiru, u l-perit għandu l-pjanta u bl-approvazzjoni mingħand Transport Malta.

1.4.18 Fuq il-karnival, l-kunsilliera qablu li għandu tittella attività mtella mill-kunsill, liema attività trid tkun bejn it-23 ta' Frar u l-4 ta' Marzu. Il-kunsilliera ppproponew li din tittella l-ġimgħa 28 ta' Frar filgħaxija għall-ħabta tas-7.00pm wara l-quddiesa. Il-kunsill se toħroġ sejħa min hu interessat li jipparteċipa, u jitolbu renumerazzjoni tas-servizz li se jagħtu. Il-kumitat li se jieħu ħsieb din l-attività, jieħdu d-deċizjonijiet u joħorġu l-linji gwida.

1.4.19 Daħal ilment li hemm toqba fi Triq il-Kbira, fejn is-sindku kellem lis-sid biex din titgħatta, li minn naħa tas-sid poġġiet kantun fuq din it-toqba. Naturalment, din mhiex is-soluzzjoni għal dan l-ilment, u l-kunsill qed jistenna li fil-jiem li ġejjin isir pjanċa tal-ħadid peress li hu periklu pubbliku, u mill-informazzjoni li għandu l-kunsill taħt din it-toqba hemm xi dabien.

1.4.20 L-arċipriet Ta' Sannat informa lill-kunsill fuq xi dranaġġ fil-binja parrakkjoli. Il-*project manager* informa lill-kuntrattur, però minn dak inhar ħadd ma reġa' kellem lill-kunsill.

1.4.21 L-isqof t'Ghawdex, bħala parti miż-żjara pastorali tiegħu, jixtieq li jiltaqa' mal-kunsilliera u l-amministrazzjoni tal-kunsill, l-Erbgħa 13 ta' Novembru fil-11am. Il-kunsilliera qablu li jżommu din id-data u tiġi kkonfermata.

*Michealangelo & friends*, it-tenur, qed jissuġġerixxi li fil-21 ta' Diċembru fit-8.00pm itellew serata fil-knisja parrokkjali. Dawn qed jitolbu, li l-kunsill jikkontribwixxi s-somma ta' erbgħa mitt ewro (€400) bħala spejjeż biex tittella din is-serata. Is-sindku qal li dalwaqt se jiltaqgħu

1.4.22 biex jitkellmu fuq l-attivitajiet tal-Milied u dakinhar se jiddiskutu din il-possibiltà li tittella l-attività msemmija.

1.4.23 Il-klabb tal-futbol Sannat Lions. nforma lill-kunsill li jridu li tingħalaq it-triq il-Ġimgħa 6 ta' Settembru biex ikun tista tittella s-serata ta' preżentazzjoni tat-tim għal l-istaġun 2024-2025, fejn se jkun hemm BBQ b'*live entertainment* minn *Cash & Band*. Il-kunsilliera qablu li jagħtu l-i*sponsor* ta' 350 ewro, relatati ma' l-ispejjeż ta' l-*entertainmen*t – il-grupp *Cash & Band*. Huwa mportanti, li l-klabb tal-futbol jirrikonoxxi u jsemmi l-i*sponsor* li ngħata mill-kunsill biex tittella din is-serata, naturalment flimkien ma' l-irċevuta.

1.4.24 Il-kunsill rċieva talba mingħand persuna biex tagħmel xi lezzjoni ta' *fitness* fil-binja tal-kunsill, liema talba ġiet irrifjutata peress li diġa qed ikun hemm dawn il-lezzjonijiet ta' attività fiżika.

1.4.25 Kien hemm talba wkoll biex isiru xi klassijiet tat-tfal biex jittellgħu xi attivitajiet marbuta mal-qari, u xi għajnuniet akkademiċi oħra. Is-Sindku qal, li l-ewwel għandha tingħata prijorità lin-nies tar-raħal li jkunu jixtiequ jwaqqfu dawn il-klassijiet, imbagħad jekk hemm possibiltà, anki nies barra mir-raħal biex jagħmlu dawn il-lezzjonijiet. Il-kunsilliera qablu li tingħata prijorità lin-nies tar-raħal u għalhekk is-sindku se jkellem lil dawn in-nies minn Ta' Sannat biex jara għadhomx interessati.

1.4.26 Is-segretarja eżekuttiva qalet li ħarġet direttiva mid-dipartiment tal-gvern lokali li l-laqgħat tal-Kunsill ma jistgħux isiru online, ħlief f'każi eċċezzjonali, liema direttivi tibda fis-seħħ mill-ewwel ta' Awwissu 2024. Jekk xi ħadd ikun qed jipparteċipa fil-laqgħa b'mod virtwali din titniżżel fil-minuti.

1.4.27 Is-segretarja eżekuttiva talbet lill-kunsilliera biex jibagħtu CVs personali tagħhom, fl-eventwalità li jkunu f'xi bord ta' aġġudikazzjoni ta' xi *tender*, biex ma jintilifx żmien u jitnaqqas ir-riskju li jistgħu jintilfu xi fondi.

1.4.28 Rigward il-laqgħa annwali li jsir ta' kull sena fejn jiġu mistiedna r-residenti, jistgħu isiru barra mill-*premises* tal-kunsill, però iridu jinfurmaw lid-dipartiment. Il-kunsilliera qablu li l-laqgħa għandha jsir bħas-soltu fil-binja tal-kunsill u hekk ikun evitat li jkun hemm xi spejjeż relatati mal-kirja ta' post alternattiv.

1.4.29 Bħala inċentiv li jagħmel il-gvern lokali, il-kunsilliera se jkunu koperti l-ispejjeż li tkopri l-assigurazzjoni marbuta mas-saħħa. Il-kunsilliera Cassar staqsiet xi tkopri din l-assigurazzjoni, bis-segretarja eżekuttiva titlob lill-kunsilliera Cassar biex tibgħat imejl lis-Sa Geraldine biex tkun tista tibghatilha l polza u l-informazzjoni. Id-dipartiment ukoll qed joffri skond iċ-ċirkulari mibgħuta, li l-kunsill joffri lill-kunsilliera *life policy* marbuta ma' somma żgħira, naturalment spejjeż imħallsa mill-kunsill. Ma kienx hemm approvazzjoni minn naħa tal-kunsilliera ghall-life policy.

1.5 Se jkun hemm *Charity Bike* ride fis-27 t'Ottubru, fejn il-kunsill ġie mistieden biex jipparteċipa.

1.5.1

## Lmenti u suġġerimenti

1.5.2 Permezz tas-sistema tal-ministeru ġew mibgħuta talbiet rigward biex isiru bankini fi Triq Ras In-Newwiela u fi Triq Xabbata.

1.5.3 Kien hemm talba minn resident fi Triq il-Kbira biex arblu tad-dawl jitmexxa għax se jiftaħ tieqa li tiġi eżatt ġo l-arblu. Il-kunsill qed jistenna li dan ir-resident iġib kopja tal-permess maħruġ.

1.5.4 Xi ħadd ilmenta fuq karozza li kienet abandunata fi Triq Dun Lazzru Camilleri, liema lment kien hemm referenza għalih qabel.

1.5.5 L-*intervention team* bgħat imejl lill-kunsill rigward skart u ħaxix ħażin fi Triq 28 t'April. Is-segretarja eżekuttiva qalet, li veru kien hemm dawn l-affarijiet li ġew irrapuratati, peress li l-ħaddiem li kien assenjat ma kienx qed inaddaf skond l-iskeda maħruġa, però issa din ġiet solvuta. Is-segretarja eżekuttiva ġibdet l-attenzjoni li l-iskeda tkun diġa nħarġet u għalhekk ma jkunx jista' wieħed jibdel u jmur post ieħor. Is-sindku qal, li se jitkellmu wara l-laqgħa riġward replacement ta' ħaddiem li rriżenja.

1.5.6 Fi Triq Il-Kbira fejn 'Dar Gioiso' biex jiġu irranġati xi toqob ħlief dik it-toqba li ssemmiet l-ewwel f'din il-laqgħa, fejn is-sindku se jkellem lis-sid.

1.5.7 Il-kunsill talab li jsir 'Stop Sign' fi Triq l-10 t'Ottubru, fejn din ġiet mitluba minn resident.

1.5.8 Saret talba biex tittranġa bollard fi Triq ta' Ċenċ fejn il-lukanda, liema talba diġa ġiet irranġata.

1.5.9 Kien hemm ilment rigward ilma ħiereġ fit-triq fi Triq Vincenzo Caruana Spiteri, li ttieħdet azzjoni u ġie rranġat.

1.5.10 Saru talbiet lill BCA biex tittieħed azzjoni rigward skart goff u rimi ta' skart ta' kostruzzjon fi Triq Xamgħan, Triq Seguna u Triq Paranji.

1.5.11 Kien hemm ilment minn xi residenti li mhux jinġabar skart organiku fi Triq ta' Ċenċ u anki fi triqat oħra. Il-kunsill kellem lir-reġjun t'Għawdex rigward dawn l-ilmenti.

1.5.12

Kien hemm xi ilma ħiereġ minn blokka appartamenti fl-inħawi ta’ Ta’ Ċenċ, fejn intbagħat il-*community police* biex jinvestiga ftit.

1.5.13 Saret talba minn individwu biex isir stop sign u slow sign fi Triq Bebunaq.

1.5.14 Residenti fi Triq ta’ Ċenċ talbu li jsir xi tip ta’ lasktu taħt il-pjanċi tal-ħadid tal-*water services* biex ikun evitat jekk jista jkun il-ħsejjes x’ħin jgħaddu minn fuqhom il-vetturi.

1.5.15 Persuna talbet laqgħa mal-kunsill rigward rigward possibiltà ta’ parkings fi Mġarr ix-Xini. Is-Sindku kellu xi laqgħa ppjanata ma’ din il-persuna, però għadha ma ġietx iffissata data u ħin.

1.5.16 Persuna qed tirraporta kull ġimgħa rigward il-fjuri ta’ ġor-*roundabouts* tad-daħla tar-raħal Ta’ Sannat. Is-sindku għamilha ċara li dik ma taqax fir-responsabiltà tal-kunsill imma tal-kuntrattur mal-ministeru għal Għawdex.

1.5.17 Il-kunsilliera Cassar resqet ilment rigward resident li qed jitlob li ma tintmessx il-bankina tiegħu, dan għal-fatt li faċċata diġa kien hemm 2 inċidenti fejn intlaqtet il-gallarija minn vetturi kbar. Is-sindku qal, li hu tkellem mal-ġenituri tal-kunsilliera Cassar li joqogħdu fir-residenza fejn intlaqtet il-gallarija, fejn qalu li r-resident tal-faċċata tagħhom aċċetta li tidjieq il-bankina tiegħu. Però, sfortunatament, meta s-sindku tkellem ma’ din il-persuna ċaħad, li jrid li l-bankina tiċkien u issuġġerew li tinżebaħ it-‘30 Zone’. Għalhekk, ġie deċiż kif issuġġeriet il-kunsilliera Cassar, li jsir double line quddiem il-bankina fin-naha tat-triq fejn ghandha wesghat differenti biex jigi evitat dan it-tip ta’ incident imsemmi, biex hekk karozzi ma jipparkjawx u jkun hemm aktar spażju fejn jistgħu jgħaddu l-vetturi u jiġu evitati possibiltà ta’ perikli. Is-sindku qal, li fil-preżenza tal-perit, kellmu wkoll li dan ir-resident fuq xi ilma tal-*pool* li qed jintefa’ fit triq. Il-perit u sindku qalu li se jżommu responsabbli li din il-persuna biex titranġa t-triq jekk jerġa jintefa l-ilma, peress li dan l-ilma ikun fih il-kimika u jagħmel ħafna ħsara lit-tarmac.

1.5.18 Fuq Misraħ Skerla, daħal ilment li kien hemm xi illegalitajiet marbuta ma’ ħmieġ minn naħa tal-kuntrattur vli qed jaghmel ix-xogholijiet. Is-sindku qal, li mar fuq il-post, fejn ikkonferma li l-kuntrattur naddaf kollox minn naħa tiegħu.

Resident li joqgħod fit-triq it-Tempju ta’ l-Imramma talab li tinbidel bozza, faċċata tar-residenza tiegħu peress li din qed titfa ħafna dawl. Is-sindku qal, li mhux se jerfa responsabiltà jekk jiġri xi inċident li jkun marbut ma’ nuqqas ta’ dawl fit-toroq. Huwa kompla, li se jitlob lill-inġinier biex jagħmel rapport biex jara d-dawl hux skond ir-regolamenti u f’dan il-każ il-bozza tibqa kif inhi anki għal-fatt ukoll li dawn huma spejjeż żejda fuq il-kunsill. Kien proġett pilota minn naħa tar-reġjun t’Għawdex kienu inbidlu l-bozoz oranġjo u saru LEDs. Wara li sabu li dawn il-bozoz ġodda ma kienux qed jgħatu ħafna dawl, inbidlu f’bozoz oħrajn biex li jagħtu aktar dawl. Il-viċi sindku semma jistax ikun hemm xi tip ta’ *shade* fuq in-naħa ta’ wara tal-bozza, imma f’dan il-każ, dan ir-resident qigħed faċċata tal-bozza. Il-sindku qal, li soluzzjoni tista tkun li jsiru żewġ fanali u ornamenti. Fl-istess mod, il-kunsill rċieva imejl ta’ ringrazzjament minn persuni li jgħixu fl-istess blokka ta’

1.5.19 appartamenti għax issa hemm aktar dawl u jitnaqqas il-periklu li jkun hemm xi tentattiv ta' serq jew affarijiet oħra. Is-sindku qal, bħal kull ħaġa li jsir ikun hemm min ikun favur u min ikollu xi riservi marbuta ma' tibdil.

1.5.20 Is-segretarja eżekuttiva qalet, li daħal ilment rigward rimi illegali ta' saqqu fi Triq Xamgħan, fejn fakkret li l-kunsill joffri s-servizzi tal-*bulky refuse*, spejjeż tal-kunsill. Hija kkonfermat, li kien hemm aktar rimi ta' oġġetti u għamara li l-ħaddiema tal-*bulky refuse* ġabru mill-istess post. Is-sindku qal, li hu tal-fehma li qabel ma titwaħħal kamera tas-sigurta ma jitneħħiex ebda tip ta' skart goff, għax inkella se jibqgħu jarmu llegalment. Id-dipartiment tal-*housing* se jibgħat ittra lir-residenti fil- flats mikrija minn taghhom li qed joqogħdu f'dawn l-akkwati biex jinfurmawhom bis-servizz tal-*bulky refuse*.

1.5.21 Kien hemm ilment rigward terrapien u materjal ieħor minn naħa tal-kuntrattur tal-*water services* fejn Palazzo Palina, fejn dan ġie mitlub biex inaddaf dan l-inkonvenjent.

1.5.22 Persuna Għawdxija issuġġeriet li jgħola ċ-ċint tan-niżla ta' Mġarr ix-Xini, peress li sabet diffikultà għax tbati minn sturdament u qed tgħid li huwa ta' periklu. Il-viċi sindku qal, jekk jistax titwaħħal tip ta' railing tal-ħadid (*crash barrier*) però dawn jiswew ħafna flusu hemm minnhom li huma kontra l-liġi. Il-kunsill xorta se jagħmel it-talba, u s-sindku semma li f'dawn iż-żewġ daħliet ta' din it-triq iridu jinbidlu t-tabelli.

1.5.23 Residenta li toqgħod fl-akkwati ta' Ta' Ċenċ, ilmentat rigward klieb li qed ikunu jiġġerrew barra mingħajr ċinga u qed ikun hemm ħafna ħmieġ tal-klieb. Is-sindku qal, li fil-leġislatura l-oħra, il-kunsill għamel ħafna bins tal-ħmieġ tal-klieb u tabelli madwar ir-raħal. Il-ħaddiema tal-kunsill ukoll inaddfu dan il-ħmieġ, però huwa mpossibli li jitnaddaf dak il-ħin stess. Huwa mportanti li l-ħmieġ jitnaddaf mis-sidien tal-klieb skond il-liġi. Il-viċi sindku semma jistgħux isiru xi tip ta' *leaflets* fuq dawn l-ilmenti, bis-sindku jgħid li għandhom jerġgħu itellew post fuq is-*social media* tal-kunsill. Huwa qal, li mportanti li s-sidien ikun aktar edukati u jirrispettaw l-liġijiet. Is-segretarja eżekuttiva qalet, li l-kunsill għandu żewġ bins oħra li jistgħu jitwaħħlu, fejn ġie deċiż li dawn għandhom jitwaħħlu Triq ta' Ċenċ fejn se jgħidilhom eżattament il-viċi sindku u ieħor fil-pjazza ta' Ċenċ faċċata ta' Palazzo Palina.

1.5.24 Is-sindku qal li f'nofs it-Triq Mġarr ix-Xini kien hemm mera li baqa' biss nofs l-arblu tal-mera. Din se tiġi ordnata biex terġa titwaħħal il-mera. Is-sindku se jieħu ritratt biex jindika eżattament fejn trid terġa titwaħħal il-mera.

1.5.25 Il-viċi sindku semma li persuna issuġerixxa li tinqala l-mera li saret fi Triq il-Gruwa u titwaħħal akatar l-isfel jew il-fuq peress li m'għadux joħroġ minn hemm. Se jiċċekjaw tistax isir peress li forsi jkun se jużaha ħaddieħor.

1.5.26 Resident talbet li tinbidel pot bix-xitla ġdida li qieg-da fuq il-bankina fi Triq Xabbata. Is-segretarja eżekuttiva qalet, li bankina hija propjetà pubblika u mhux suppost ikun hemm pots fuq il-bankina. Din it-talba ġiet rifjutatta.

1.5.27

Persuna talbet biex isir bozza fi sqaq ġo triq il-Gruwa, u oħra kantuniera m'a triq Dun Luqa. Il-viċi sindku u l-kunsillier Bajada se jieħdu ritratti fejn hemm it-talba biex jitwaħħlu dawn il-bozoz.

1.5.28 Il-kunsilliera Cassar semmiet ukoll f'din il-laqgħa biex titwaħħal bozza fl-aħħar stage tal-karozza tal-linja fit tarf ta' Triq il-Kbira kantuniera ma' Triq Bardan. Is-segretarja eżekuttiva qalet li l-kunsill iċċekkja li l-bozza lanqas taqa' taħt *Transport Malta*. Is-sindku qal li l-bozoz jiswew madwar 3000 euro il-waħda, u l-kunsill diġa qabel li jsiru bozoz f'inħawi fejn qed jinfetħu toroq ġodda u għalhekk irid jimxu bil-prijorita għax il-kunsill mgħandux fondi bizzejjed. Il-kunsill qed jagħmel ezerċizzju biex isir lid-DLG biex jiżdied l-allokazzjoni finanzjarja tal-kunsill, peress li żdiedet il-popolazzjoni tar-raħal ta' Sannat u nfetħu toroq ġodda.

1.5.29

Is-segretarja eżekuttiva kkonfermat lill-viċi sindku li ġiet irranġata bankina fi Triq Marsilja, li kien ressaq l-ilment hu stess.

1.5.30 Fi Triq il-Kbira, il-viċi sindku qal li hemm sqaq partikulari huwa fi stat diżastruż, kif ikkonferma bir-ritratt li wera lill-kunsillieri. Is-segretarja eżekuttiva qalet li f'dak is-sqaq qed isiru xogħlijiet u hija responsabiltà tal-kuntrattur li nnaddaf l-iskart ta' kostruzzjoni. La qed jissemmew ix-xogħlijiet, is-segretrarja eżekuttiva qalet li wara dan is-sqaq, jiġifieri Triq 20 ta' Lulju, l-kuntrattur partikulari fetaħ triq mill-għelieqi minn naħa ta' wara u konsegwentement x'ħin tagħmel ix-xita, Triq Xamgħan se timtela kollha ħamrija għax ma baqax ilqugħ tal-ħitan tas-sejjieħ. Is-segretarja eżekuttiva qalet li l-kunsill mhux responsabbli xħin se jkun hemm dan l-inkonvenjent. Il-kunsill qabel li għandhom ikellmu lill-kuntrattur tramite s-Sindku biex jerfa r-responsabiltà f'dan il-każ.

1.5.31 Il-viċi sindku qal li jrid jitwaħħal *rubbish bin* fi Pjazza tax-xelina. Is-segretarja eżekuttiva qalet, li diġa' twaħħal wieħed fil-post li kien hemm qabel kif maqbul f'waħda mill-laqgħat tal-kunsill.

1.5.32 Fi Triq Seguna hemm bankina li fiha rampa quddiem residenza privata, u din l-individwu qed tgħid li din ir-rampa tiżloq ħafna u tixtieq li jkun hemm manutenzjoni biex ma tkunx tiżloq. Il-kunsill qabel li din għandha tinħasel bil-aċtu. Is-segretarja eżekuttiva talbet biex jibgħatulha ritratt ta' fejn hi r-residenza .

1.5.33 Fi Triq Xamgħan, il-viċi sindku qal li hemm garaxx li fir-rampa hemm ħafna skart u ħmieġ marbut mal-kostruzzjoni. Is-sindku qal li dan huwa privat u hija responsabiltà tas sid li jnaddaf, u s-segretarja eżekuttiva kompliet li l-kunsill mhux se jħallas għal skart li huwa responsabiltà tas-sid tal-propjetà.

1.5.34

Fi triq ta' Ċenc kantuniera ma' Triq Gruwa, hemm tabella li trid tinqala għax il-karozzi tal-linja qed jaħbtu magħhom.

1.5.35 Triq Seguna, resident talab li jsir double yellow line faċċata tal-garaxx tiegħu għax ma jkunx jista' jidħol u joħroġ bil-vettura tiegħu, kif ikkonfermaw xi residenti ta' din it-triq li tkellmu mal-viċi sindku. Il-kunsill se jkellem lit-transport Malta biex jaraw jistax isir dan id-double yellow line. Il-kunsilier Bajada ressaq ukoll ilment minn resident fi Triq Gerxija biex isirlu double yellow line faċċata tal-garaxx għall-istess raġuni. Il-kunsill, f'dan il-każ ukoll se jkellem lit-Transport Malta.

1.5.36 Il-viċi sindku ssuġerixxa li fi pjazza tax-xelina, in-naħa ta' triq Dun Xand Aquilina, isir *sleeping police* żgħira tal-plastic. Il-kunsilliera Galea qalet li ma tistax isir waħda peress li tgħaddi l-karozza tal-linja u dik ma tkunx tista isir. Is-sindku ssuġerixxa li għandha isir waħda Triq Xabbata peress li l-karozzi qed jgħaddu b'veloċità kbira.

1.5.37 Il-viċi sindku reġa semma s-suġġeriment li għamel fil-laqgħa preċedenti biex ikun hemm aktar bankijiet fil-pjazza. Is-sindku, flimkien mas-segretarja eżekuttiva qalu li dawn qiegħdin fil-proċess li jitwaħħlu kif ġew approvati mill-awtorità ta' l-ippjanar.

1.5.38 Rigward it-triq 28 t'April, il-viċi sindku tenna rigward l-periklu li hemm tal-fanali. Is-sindku qal li kif diġa' semma li l-proġett qiegħed fil-fażi li jibda x-xogħlijiet, u ma jistax isiru spejjeż addizzjonali dment li se jibda il-proġett, però rrimarka li fejn hemm periklu ta' saħħa u sigurtà l-kuntrattur huwa nfurmat li jneħħiħ. Il-viċi sindku semma ukoll li hemm ħaxix ħażin u anki ħmieġ żejjed, bis-sindku jgħid li dan tnaddaf u l-ħaxix ġie maqtuħ.

1.5.39 Issemma wkoll l-fatt li għadu ma twaħħalx ir-*railing* tar-rampa tal-knisja Santa Margerita. Il-viċi sindku qal li diġa' kien hemm persuna li waqqet fir-rampa. Is-sindku qal li jekk jitwaħħal ir-*railing* kif kien mwaħħal qabel se tintilef il-garanzija u l-perit qed jissuġġerixxi li jitwaħħal mal-madum. Il-kunsill se jerġa jikteb lill-perit biex dan ix-xogħol jitħaffef peress li hemm periklu.

1.5.40 Ilment ieħor kien fuq Ġnien il-Bidwi, fejn il-viċi sindku qal li hemm telqa kbira u qiegħed fi stat ħażin. Is-segretarja eżekuttiva qalet li rrapurtat kemm il-darba rigward in-negligenza minn naħa ta' min hu responsabbli li jieħu ħsiebu, u s-sindku saħaq li sejjaħ laqgħa mal-ħaddiema kollha u se jkun skjett li x-xogħol li jaqa' taħt ir-responsabiltà ta' kull ħaddiem irid isir fil-ħin u sew. Il-viċi sindku qal li se jkun preżenti għal din il-laqgħa. Hemm ukoll il-*gazebo* trid terġa tingħata żebgħa tal-kittien biex tiġi preservata. Semma wkoll il-*grass blocks*, però s-sindku qal li dawn kienu waħda mill-kundizzjonijet fil-permess li nħareġ mill-awtorità ta' l-ippjanar. Il-viċi sindku saħaq, li madwar ir-raħal qed jinnota li hawn problema ta' ħmieġ u boroż taż-żibel. Is-sindku qal li l-bieraħ kellu laqgħa tar-reġjun t'Għawdex, fejn issemmiet din il-problema fejn ġie rrimarkat li nies barra mir-raħal mhumiex jimxu ma' l-iskeda ta' ġbir ta' skart. L-edukazzjoni hija ċ-ċavetta ta' kollox.

Il-viċi sindku qal, li fl-opinjoni tiegħu, hemm bank fi Triq Dun Xand Aquilina li mhux qiegħed f'postu u li għandu ħafna żmien. Is-sindku qal, li għandu jinżebaħ u li m'hemmx għalfejn

1.5.41 jinqala. Is-segretarja eżekuttiva qalet li mportanti li biex jinżebaħ ma jridx iddum xhur sħaħ bħal ma' ġara qabel fejn riedu jinżebgħu xi bankijiet.

1.5.42 Il-kunsillier Bajada kellu suġġeriment mingħand residenti fi Triq il-Lewż biex isir tabella bl-isem, peress li l-pustiera qed isibu diffikulta biex jiddentifikaw din it-triq. Il-kunsill ser jiċċekja il-konfini ta' din it-triq, minn fejn tibda u tispiċċa.

1.5.43 Il-kunsillier Bajada semma, li persuna bagħtitlu messaġġ li huma mħassbin rigward il-proposta li hemm biex isir pixxina taż-żwiemel, dan minħabba storbju u ħmieġ li jista' jkun hemm. Is-sindku qal, li din ser tinżamm b'mod mill-aktar professjonali speċjalment rigward l-indafa, fejn saħaq ukoll, li din għadha biss proposta u l-kunsill għadu jrid isib il-fondi meħtieġa. Il-*pool* se tkun bil-ħlas u ser tkun bis-sistema ta' *bookings*. Naturalment, ser isir aktar diskussjoni x'ħin jispiċċaw il-proġetti pendenti u l-kunsill jakkwista fondi biex jagħmilha.

1.5.44 Il-kunsilliera Galea semmiet li fi Triq il-Blat, hemm rampa mkissra, fejn residenta qed tilmenta li t-tifla tagħha qed isib diffikultà biex tipparkja fir-residenza tagħha. Is-sindku qal li r-rampa mhiex qeda skond il-liġi, u s-segretarja eżekuttiva qalet li ftit jiem ilu, l-perit ma rrilaxxax id-depositu minħabba li kien hemm biċċa mir-rampa li ħarġet fit-triq. Is-segretarja talbet biex ikollha ritratti biex tikkonferma.

1.5.45 Persuna ssuġġeriet li jsir tip ta' roundabout fil-limiti ta' Triq il-Lewż, peress li qed jgħaddu karozzi li jkunu ġejjin mix-Xewkija, veloċità għolja. Is-sindku qal, li l-kunsill kien issuġġeriha, però transport Malta rrifjutha u tista jsir biss 'Stop sign' naħa u 'Stop sign' naħa oħra.

1.5.46 Residenta li toqgħod fi Triq Vincenzo Caruana Spiteri, ilmentat mal-kunsilliera Galea li għadha kif għamlet operazzjoni u qed isib diffikultà biex tidħol fir-residenza tagħha, peress li qed jipparkjaw eżatt mal-bankina. Is-segretarja eżekuttiva qalet, li din il-persuna trid tkellem lit-Trasport Malta biex tavzawhom, u jkunu jistgħu jagħmlulha sinjal ma' l-art ta' *wheelchair*. Din ir-residenta semmiet ukoll, li xi sidien qed joħorġu siġġijiet, landi, pjanti etċ biex in-nies ma jipparkjawx quddiem tagħhom, u hekk qed jitnaqqsu n-numru ta' parkeġġi. Is-sindku qal, li dawn mhux suppost jitpoġġew u l-*community policeman* se jdur mar-raħal u fejn jara dawn l-affarijiet, se jagħti *warning* verbalment u t-tieni darba jinħarġu ċitazzjonijiet.

1.5.47 Il-kunsilliera Cassar ġiet avviċinata minn persuna li tgħin fl-organizzazzjoni tat-tombla b'risq il-parroċċa, biex tara jekk il-kunsill ikunx jista' jipprovdi *stands* tad-dawl li jkunu jistgħu jintużaw minn kulħadd, biex ikollhom aktar dawl. Is-sindku qal, li din il-persuna kellmitu wkoll u qal li l-għaqda ta' l-armar, kif ikkonferma l-kunsillier Bajada, għandhom numru ta' *stands* li huma disponibbli.

Rigward l-*ash trays* ta' Mġarr ix-Xini, l-kunsilliera Cassar tkellmet mad-direttur fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex, fejn qaltilha li dawk l-*ash trays* li twaħħlu mhumiex kompatibbli mal-bins li twaħħlu mill-Ministeru għal Għawdex. Id-direttorat fi ħdan il-Ministeru għal

Ghawdex jingħataw dawn id-*disposible ash trays* fl-10.00am ta' filgħodu lill-*beach cleaners*. Dawn il-bins se jinqalgħu fix-Xitwa, u l-kunsilliera Cassar staqsiet jekk humiex se jitwaħħlu minn naħa tal-kunsill. Is-sindku flimkien mas-segretarja eżekuttiva qalu li l-proċess tax-xiri waqaf peress li ġew ipprovduti mill-Mininsteru għal Għawdex u anki għall-fatt li żewġ *ash trays* jiswew madwar 600euro.

1.5.48

Il-kunsilliera Cassar staqsiet jekk jistax ikun hemm *warden* fi Triq ta' Ċenċ, peress li qed ikun hemm ipparkjar bl-addoċċ, barra l-kaxxi tal-*parking* u peress li din it-triq baqgħet *two way* għat-traffiku. Is-sindku qal li hemm il-*community police* li jdur mar-raħal u jara fuq *parking* illegali. Huwa qal li jekk ikun hemm parking illegali, il-persuni iridu jirrapurtaw biex ikun jistgħu jiġu l-*wardens*. Il-kunsill qed jaħdem fuq traffic management għar-raħal ta' Sannat flimkien mal-perit biex isir fuq pjanta u tiġi diskussa waqt laqgħa tal-kunsill fil-prezenza tal-perit, biex finalment tiġi preżentata lill-Tranport Malta. Is-segretarja eżekuttiva qalet li jekk m'hemmx *double yellow line* jew hemm xi tabella parking within the lines, ma jkun hemm restrizzjonijiet biex sewwieqa jipparkjaw il-vetturi tagħhom.

## 1.6

**Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti /2024**

1.6.1

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda ta' pagamenti Nru. 2 /2024 li ntbgħatet permezz ta' imejl biex dawn il-kontijiet jiġu approvati mill-Kunsill. Din ġiet moqrija mill-kunsilleira Frances Galea. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dawn il-pagamenti għandhom jitħallsu bis-sistema tal-*Internet Banking*. Din l-iskeda ġiet ipproponuta mill-kunsilliera Galea u ssekondata mill-Kunsillier Bajada. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda approvata qed tinhemez ma dawn il-minuti ta' din il-laqgħa.

# 1.7

## 1.7.1 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fil-2.52pm u ġiet aġġornata. Il-laqgħa li jmiss hija skedata għal L-Erbgħa 25 ta' Settembru fil-11.00am.

Konfermati, illum _____ta' ___________________ 2024

| **Iffirmati** | **Iffirmati** |
|---|---|
| Philip Vella | Marie Josette Vella Magro |
| Sindku | Segretarja eżekuttiva |